23 ta' Ġunju, 1947

Imħallef :

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* L.A.C. Lewis Borg

**Traffiku — Kolliżjoni — Żball ta' Ġudizzju — Piena.**

*Meta tnejn min-nies li jkunu jsuqu karrozza jikkontribwixxu għal kolliżjoni li ssir bejn dawk iż-żewġ karrozzi, huma t-tnejn responsabili għal dak li jiġri lil kull min ikun riekeb fiż-żewġ karrozzi,*

*apparti fuq liema karrozza kien rikeb it-tali u t-tali. Il-konsegwenzi huma addebitabili għat-tnejn flimkien, u ebda differenza ta' trattament fil-piena ma għandha ssir (apparti rajunijiet oħra) in bażi għal min inżerta fuq il-karrozza tal-wieħed jew ta' l-ieħor. Għalkemm skond il-liġi tagħna anki n-nuqqas ta' ħila fis-sewqan għandu jitqies bħala "criminal misconduct" għall-finijiet ta' l-imputazzjoni, però huwa ċar li għandha ssir distinzjoni bejn każ u ieħor. U meta l-imputat ikun ħati biss ta' "error of judgment", avvolja kieku kellu l-ħila meħtieġa kien seta' jevita l-iżball, bħala regola, u salvi ċirkustanzi speċjali, piena restrittiva tal-libertà personali ma tantx hija rakkomandabili.*

L-imsemmi Borg kien ko-imputat fl-ewwel istanza ma' Giuseppe Formosa:

Kontra tagħhom saret, quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Għawdex, l-imputazzjoni illi fis-7 ta' Jannar 1947, f'xi l-4.30 p.m., fit-Triq tal-Għarb, limiti tal-Għasri, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew il-professjoni tagħhom, u b'nuqqas ta' osservanza ta' regolamenti, waqt li kienu jsuqu — Giuseppe Formosa truck nru. 1858, u l-appellant odjern lorry tar-Royal Air Force — ħabtu ma' xulxin u b'hekk ikkaġunaw il-mewt ta' Wiġi Buhagiar, u kkaġunaw ukoll offiżi ta' natura ħafifa, salvi komplikazzjonijiet, fuq il-persuni ta' L.A.C. Frank Formosa, Michael Grima u Geraldo Borg, u offiżi ta' natura ħafifa fuq il-persuni ta' Toni Mamo, Manwel Butigieg, Salvu Caruana, Giuseppe Debono,............; u b'sentenza ta' dik il-Qorti tat-28 ta' April 1947, l-appellant odjern instab ħati talli bl-aġir tiegħu kkaġuna involontarjament il-mewt ta' Wiġi Buhagiar, u feriti ħfief fuq il-persuni li kienu riekbin miegħu; u ġie kundannat għal sitt xhur priġunerija u għall-ħlas ta' nofs id-dritt ta' l-esperti nominati minn dik il-Qorti; mentri Formosa nstab ħati talli bl-aġir tiegħu kkaġuna feriti ta' natura ħafifa bla ma ried fuq il-persuna ta' x'uħud minn dawk li kien hemm miegħu, u ġie kundannat għall-piena ta' għaxart ijiem detenzjoni;

L-appell sar biss minn Lewis Borg;

Din il-Qorti, wara li eżaminat l-inkartament........... ikkunsidrat;

Deher mill-provi illi, fl-okkażjoni in kwistjoni, l-appellant kien qiegħed isuq lorry tal-R.A.F., u mir-Rabat ta'

Għawdex kien sejjer għall-Għarb, mentri Formosa kien qiegħed isuq truck sejjer fid-direzzjoni opposta. F'ċertu pont ta' din it-triq hemm l-akkwedott li jaqsam, per mezz ta' arkata, minn naħa għall-oħra, u l-wisgħa tat-triq jonqos sa ma jsir speċi ta' "bottle-neck", li minnu ma jistgħux jgħaddu żewġ karrozzi hdejn xulxin, u għalhekk waħda hemm bżonn li ċċedi l-pass lill-oħra. Deher ukoll illi meta l-appellant u Formosa resqu lejn dan il-"bottle-neck" l-appellant għamel sinjal lil Formosa, li bih ried ifisser li sejjer jgħaddi hu l-ewwel. Però s-sinjal li għamel Borg............ kien ekwivoku, u apparentement Formosa, li aktarx kien sejjer iwaqqaf, u kien ġa applika l-brakes, fehmu l-kuntrarju, ħall il-brakes, u kompla għaddej. L-appellant, li ssuppona li Formosa sejjer iwaqqaf, ukoll baqa' għaddej; u saret il-ħabta;

S'intendi, biex wieħed jifhem sewwa dak li jissejjaħ l-"agony" tal-mument, għandu jaħseb illi ż-żewġ karrozzi, meta ġew fil-viżwali ta' xulxin, kienu waħda 43 jarda u l-oħra 45 jarda bgħid mill-arkata ta' l-akkwedott, u l-veloċità tagħhom kienet minn 20 sa 25 mil fis-siegħa, f'direzzjoni opposta, u għalhekk dik l-"intervening distance" insinifikanti ġiet koperta fi żmien hekk qasir illi x-xhud Oag qal, b'mod naturali ferm, "it all happened so suddenly";

Għalhekk, fl-opinjoni tal-Qorti, kien hemm mill-parti ta' l-appellant inkompetenza, fis-sens li hu, bis-sinjal inadegwat li ta, bil-fatt li kkalkula ħażin li seta' jgħaddi bla periklu, u li ma rrimedjax effikaċement għas-sitwazzjoni ta' emerġenza li nqalgħet meta Formosa baqa' għaddej, wera nuqqas ta' ħila fis-sewqan u kkontribwixxa għall-kolliżjoni;

Konsegwentement din il-Qorti taqbel mal-Maġistrat illi sab ħati lill-appellant fis-sens premess, u għalhekk fil-meritu l-appell ma hux sostnut;

Iżda, kwantu għall-piena, hemm lok għal modifikazzjoni sostanzjali. Infatti, l-ewwelnett, kif tajjeb osserva d-difensur, milli jidher il-Maġistrat irregola l-piena skond dak li ġara lin-nies li kienu riekbin ma' kull wieħed mill-ko-imputati, u għalhekk ta piena ferm aktar qawwija lill-appellant għaliex dak li miet (Buttigieg) kien rikeb fuq il-karrozza tiegħu. Issa hu ċar li, ġa la darba tant Borg kemm Formosa (skond l-istess

sentenza appellata) ikkontribwew għall-kolliżjoni, huma kienu t-tnejn responsabili għal dak li ġara "lil kulħadd, apparti fuq liema karrozza kien riekeb it-tali jew it-tali". Il-konsegwenzi "kollha" huma addebitabili għat-tnejn flimkien, u ebda differenza ta' trattament fil-piena ma jmissha saret (apparti raġunijiet oħra) in bażi għal min inzerta fuq il-karrozza ta' wieħed jew ta' l-ieħor;

Riljex ieħor importanti hu dan;

Għalkemm skond il-liġi tagħna, li tikkontempla nuqqas ta' ħila flimkien ma' negliġenza, eċċ., anki dan in-nuqqas ta' ħila għandu jitqies bħala "criminal misconduct" għall-finijiet ta' l-imputabilità, però hu ċar li għandha ssir distinzjoni bejn każ u każ, u li hu, per eżempju, ferm aktar serju l-każ ta' min deliberatament jeċċedi li "speed limit" u jsuq bi "speed" perikoluż, jew ikollu brakes difettużi, jew jikser kantunjera fuq in-naħa l-ħażina, u b'hekk jikkaġuna aċċident, mill-każ ta' min jagħmel biss "error of judgment" avvolja, kieku kellu l-ħila meħtieġa, kien seta' jevita dak l-iżball. F'każ simili, almenu bħala regola, u salvi ċirkustanzi speċjali, piena restrittiva tal-libertà personali ma tantx tirrakkomanda ruħha (ara App. Krim. "The Police vs. Hicklin", 29. VII. 44);

Għalhekk din il-Qorti tiddeċidi;

Billi tiċħad l-appell fil-meritu u tikkonferma, fis-sens premess, is-sentenza appellata. Kwantu għall-piena tbiddilha f'dik tal-multa ta' £50, li tista' titħallas £5 fix-xahar, l-ewwel rata titħallas fil-15 ta' Lulju 1947, taħt il-kondizzjonijiet ta' l-art. 16 tal-Kodiċi Kriminali, kif reċentement emendat bl-Ordinanza VI ta' l-1947. Jibqa' sħiħ l-ordni għall-ħlas ta' nofs l-ispejjeż ta' l-esperti.